MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## CARUANA DEMAJO GIANNINO

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 693/2002

**L-Avukat John Refalo bhala prokuratur specjali ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Sovegas S.p.A.**

**vs**

**Eurochemie Products Limited**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni ta' l-attrici li bih, wara li ppremettiet:

Illi s-socjeta` estera Sovegas S.p.A. forniet lis-socjeta` konvenuta b'diversi kunsinni ta' GPL Butano/Propano ghal uzu f'*aerosols* u dan kif jidher mid-dokumenti annessi mac-citazzjoni;

Illi s-socjeta` konvenuta ma hallsitx l-import kollu ta' dawn il-kunsinni u ghad fadlilha bilanc ta' tmienja u sittin miljun, tliet mija sebgha u sebghin elf u zewg lira taliana (Lit68,377,002) ekwivalenti ghas-somma ta' hamsa u tletin elf, tliet mija u tlettax Euro u sebgha u sebghin centezmu (Euro35,313.77);

Illi interpellata sabiex thallas is-socjeta` konvenuta qatt ma rrifjutat li thallas izda dejjem talbet zmien ulterjuri u fil-fatt offriet li thallas permezz ta' "repayment programmes" varji;

Illi s-socjeta` konvenuta naqset li thallas, anke f'dawk it-termini li kienet hi stess talbet;

Illi interpellata ufficjalment ghall-hlas b'ittra tat-30 ta' April 2001, is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti; u

Illi dan il-kreditu huwa cert, likwidu u dovut u s-socjeta` konvenuta ma ghandha ebda eccezzjoni valida fil-ligi x'taghti ghall-hlas ta' l-istess;

Talbet illi din il-Qorti:

1. tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh a tenur ta' l-artikolu 167 tal-Kodici ta' Procedura u Organizzazzjoni Civili (Kap. 12) tal-Ligijiet ta' Malta;

2. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' hamsa u tletin elf, tliet mija u tlettax Euro u sebgha u sebghin centezmu (Euro35,313.77) jew l-ekwivalenti fi flus Maltin li fid-data tas-sentenza tkun ekwivalenti ghall-ammont premess f'Euros, rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija lilha mibjugha u kkonsenjata u dovuta lill-attur nomine mis-socjeta` konvenuta;

Bl-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' April 2001, u tal-mandati kawtelatorji fl-ismijiet premessi, kif ukoll is-somma ta' hamsin lira Maltija (Lm50) ghas-saldu ta' l-

ispejjez extra gudizzjarji inkorsi sad-data tal-prezentata tac-citazzjoni minhabba korrispondenza, “faxes”, telefonati u komunikazzjonijiet ohrajn.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta’ l-attrici;

Rat in-nota tal-konvenuta li biha ammettiet it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuta, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuta, tiddeciedi billi tilqa’ t-talba ta’ l-attrici kif dedotta fic-citazzjoni, bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

cm